ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN



# LITURĠIJA U SAGRAMENTI

sinodu MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN

# LITURĠIJA
# U
# SAGRAMENTI

IMSEĦBIN

F'DAK LI HU TA' ALLA

sinodu MALTA

2003

ISBN: 99932 - 49 - 16 - 5

© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana, 2003

Produzzjoni tal-Media Centre Publications

Stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# WERREJ

Preżentazzjoni v

Kap I
Jimliena b'kull xorta ta' barka spiritwali 1

Kap II
Il-Liturġija ċelebrazzjoni tal-Misteru
tal-Għid 3

Kap III
Is-Sagramenti 16

Kap IV
Devozzjonijiet popolari 38

Kap V
Konklużjoni 41

# PREŻENTAZZJONI

Id-dokument jitkellem fuq iż-żewġ dimensjonijiet tal-liturġija: min-naħa l-waħda, fil-liturġija l-insara jimtlew bil-barkiet spiritwali li Alla l-Missier jagħtihom; min-naħa l-oħra, il-Knisja, f'għaqda ma' Kristu r-Ras tagħha, u mqanqla mill-Ispirtu s-Santu, fil-liturġija tbierek lil Alla għad-doni tiegħu permezz ta' adorazzjoni, tifħir u radd il-ħajr.

Il-punt ċentrali tad-dokument hu l-liturġija bħala ċelebrazzjoni tal-Misteru tal-Għid. Dan għax kull ċelebrazzjoni liturġika hija ċelebrazzjoni tal-mewt tal-Mulej u tal-qawmien tiegħu mill-imwiet. Għalhekk it-tlett ijiem imqaddsa tal-Għid huma l-qofol tas-sena liturġika.

Id-dokument jitkellem dwar elementi prinċipali taċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija. Juri kif hi l-komunità kollha li tiċċelebra, u fi ħdan il-komunità hemm sejħat partikulari. Jispjega l-importanza tas-simboli, tal-kliem, tal-kant u tal-mużika. Ifisser il-ħtieġa ta' formazzjoni liturġika.

Jagħmel ukoll proposti kif iċ-ċelebrazzjoni tista' tkun aktar ħajja. F'dan il-kuntest, jitkellem ukoll dwar l-importanza tal-Kelma ta' Alla u tat-tiġdid fil-quddiesa u fl-omelija, li kienu ssemmew ħafna fil-konsultazzjoni li saret fl-ewwel fażi tas-Sinodu Djoċesan.

Il-karattru liturġiku ta' Jum il-Mulej hu enfasizzat fid-dokument. L-insara għandhom jagħtu importanza lil dan il-Jum u jħossu l-liturġija bħala għajn ta' ħajja ġdida li turi ruħha f'għemejjel ta' ġid u ta' servizz, speċjalment ma' dawk fil-bżonn, u f'ħidma għall-ġustizzja soċjali.

Id-dokument jitkellem ukoll fuq is-sagramenti, b'enfasi speċjali fuq is-sagramenti għad-dħul fil-ħajja nisranija. Imweldin għall-ħajja ġdida permezz tal-Magħmudija, l-insara jissaħħu permezz tas-sagrament tal-Konfermazzjoni u fl-Ewkaristija jirċievu l-ħobż tal-ħajja ta' dejjem. Hemm proposti rigward ċelebrazzjoni aħjar ta' dawn is-sagramenti.

Tingħata importanza wkoll lis-sagrament ta' Rikonċiljazzjoni, li permezz tiegħu Alla kollu mħabba jilqa' lill-midneb u jistiednu jerġa' jitħabbeb miegħu. Id-dokument jitkellem ukoll fuq is-sagrament ta' l-Ordni Sagri u fuq iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-Żwieġ u t-tħejjija li għandha ssir qabel. Rigward id-dilka tal-morda, id-dokument jispjegaha fil-kuntest tal-kura pastorali tal-morda u ta' l-anzjani u jitkellem ukoll fuq il-vjatku u l-mewt nisranija.

L-aħħar parti tad-dokument jittratta s-sagramentali u d-devozzjonijiet popolari, li jesprimu s-sens reliġjuż tal-poplu Malti. Hu importanti li jkun hemm formazzjoni f'dan il-qasam biex kulħadd jagħraf il-valur ta' dawn id-devozzjonijiet, u fl-istess waqt biex dawn ma jieħdux post il-liturġija, li tibqa' l-quċċata li lejha tersaq il-ħidma tal-Knisja kif ukoll l-għajn li minnha tiġi l-qawwa tagħha.

Minn din l-għajn bnina, l-aktar mill-quddiesa u s-sagramenti l-oħra, xorbu tul is-sekli l-insara Maltin. Hi s-sejħa tas-Sinodu li l-insara ta' llum jibqgħu jersqu jixorbu mill-ilma tal-grazzja li joħroġ mill-kustat ta' Kristu msallab, filwaqt li jagħrfu aktar dak li qed jagħmlu biex it-tisħib tagħhom "f'dak li hu ta' Alla" iħalli frott, u jfittxu li l-liturġija tkun magħquda b'mod sħiħ mal-għajxien tal-fidi fil-ħajja ta' kuljum.



## Kap I

# JIMLIENA B'KULL XORTA TA' BARKA SPIRITWALI

## Jimliena b'kull xorta ta' barka spiritwali

1

"Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu. Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu. Hekk għoġob lir-rieda tiegħu għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, li biha mliena fil-Maħbub tiegħu." (Ef 1,3-6)

Il-liturġija għandha żewġ dimensjonijiet.

Min-naħa l-waħda, fil-liturġija nimtlew bil-barkiet spiritwali li Alla l-Missier jogħġbu jagħtina, għaliex il-Missier hu tassew il-qofol tal-barkiet kollha tal-ħolqien u tas-salvazzjoni. Hu Kristu, il-Verb tiegħu magħmul bniedem, li miet u rxoxta għalina, li jimliena bil-barkiet tiegħu, u bih ixerred fi qlubna d-Don li fih jinsabu d-doni kollha: l-Ispirtu s-Santu.

Min-naħa l-oħra, ta' dan kollu, il-Knisja, f'għaqda ma' Kristu r-Ras tagħha, u mqanqla mill-Ispirtu s-Santu, fil-liturġija tbierek lil Alla għad-doni tiegħu permezz ta' adorazzjoni, tifħir u radd il-ħajr u sa l-aħħar taż-żmien twassal l-offerta tad-doni tagħha lil Alla u titolbu jibgħat l-Ispirtu s-Santu fuq dawn id-doni, fuqha, fuq l-insara u fuq id-dinja kollha, sabiex bil-parteċipazzjoni fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu u bil-qawwa ta' l-Ispirtu dawn il-barkiet ta' Alla jġibu frott ta' ħajja "għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu" (Ef 1,6).

Dan id-dokument sinodali huwa riflessjoni u strument biex il-Knisja f'Malta tidħol aktar fil-qalba tal-Misteru tal-Għid u tgħix b'mod aktar sħiħ dawn iż-żewġ dimensjonijiet tal-liturġija. Fil-konsultazzjoni tas-Sinodu, ħareġ ċar kemm dan hu meħtieġ fil-Knisja f'Malta llum.



# Kap II

# IL-LITURĠIJA ĊELEBRAZZJONI TAL-MISTERU TAL-GĦID

## Il-Misteru tal-Għid

2

Il-Misteru tal-Għid tal-Mulej, jiġifieri l-Misteru tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien tal-Mulej mill-imwiet, huwa l-qofol tal-Misteru tas-salvazzjoni li jħaddan il-mumenti kollha tal-ġrajja tal-bniedem. Kull ċelebrazzjoni liturġika tal-Knisja hija ċelebrazzjoni tal-mewt tal-Mulej u tal-qawmien tiegħu mill-imwiet għaliex kull ma seħħ tul iż-żmien li Kristu għex fuq din l-art kien tħejjija għall-mument tal-mewt fuq is-salib u għall-qawmien mill-imwiet. Għalhekk iċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru tal-Għid tal-Mulej ma tiġġeddidx biss nhar l-Għid il-Kbir, imma matul is-sena kollha, kull nhar ta' Ħadd, kull jum, fil-liturġija.

## Komunità li tiċċelebra

3

Hija l-komunità kollha, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu flimkien mar-Ras tiegħu, li tiċċelebra l-Misteru tal-Għid. Fi kliem il-Konċilju Vatikan II, kull għemil liturġiku m'huwiex xi għemil privat, imma hu ċelebrazzjoni tal-Knisja, li hi l-għaqda ta' l-imgħammdin li, "permezz tat-twelid ġdid u ta' l-unzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu ġew ikkonsagrati biex ikunu dar spiritwali u saċerdozju qaddis ħa joffru sagrifiċċji spiritwali".[1]

Għalkemm f'kull ċelebrazzjoni tas-sagramenti l-ġemgħa kollha hi l-liturgu (i.e. iċ-ċelebrant), mhux il-membri kollha tal-Ġisem Mistiku għandhom l-istess ministeru. Xi membri huma msejħin minn Alla, fil-Knisja u permezz tal-Knisja, għall-qadi speċjali fi ħdan il-komunità. Dawn jintgħażlu u jiġu kkonsagrati permezz tas-sagrament ta' l-Ordni. Iżda mbagħad hemm

[1] Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium* (21 ta' Novembru 1964), 10.

ukoll ħidmiet oħra li ma jiġux ikkonsagrati permezz tas-sagrament ta' l-Ordni, u li l-uffiċċju tagħhom hu determinat mill-isqfijiet skond it-tradizzjonijiet liturġiċi u l-ħtiġijiet pastorali.[2]

## Formazzjoni tal-ministri

4

Biex f'kull parroċċa jkun hemm numru suffiċjenti ta' persuni mħejjija li kapaċi jaqdu xi ministeru partikulari waqt iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, tajjeb li jkomplu jissaħħu l-inizjattivi tas-Segretarjat għal-Liturġija li għandhom bħala għan il-formazzjoni tal-ministri. Din il-ħidma ssir fil-qafas ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.

## Sens ta' appartenenza

5

Għandu jsir sforz biex jinħoloq dejjem aktar ambjent ta' komunità fil-ġemgħa li tiċċelebra, li jgħin biex in-nies iħossu dejjem aktar is-sens ta' appartenenza. Tingħata wkoll attenzjoni partikulari lill-persuni b'diżabilità biex dawn iħossuhom tassew parti mill-ġemgħa li qed tiċċelebra u biex jitwarrab kull xkiel li jtellifhom f'dan.

Minħabba l-iżvilupp soċjali li sar f'dawn l-aħħar snin f'diversi nħawi, inħolqu żoni pastorali ġodda fi ħdan il-parroċċi, li kemm-il darba huma komunitajiet li jiċċelebraw il-liturġija. Tkun ħaġa f'waqtha li jkunu studjati aktar fil-fond dawn ir-realtajiet ġodda u r-rabta tagħhom mal-parroċċa,

2 Fost dawn insibu: l-abbatini, il-letturi, l-animaturi, il-kanturi u l-mużiċisti, il-ministri straordinarji tat-tqarbin, l-*ushers*, dawk li jieħdu ħsieb l-ambjent tal-knisja (*flower decorators,* sagristana u oħrajn).

biex wieħed jara b'liema mod jistgħu jiċċelebraw aħjar il-mumenti ewlenin fil-ħajja tal-membri tal-komunità.

## Nisġa ta' sinjali u simboli

## 6

Iċ-ċelebrazzjoni liturġika tintiseġ b'ħafna sinjali u simboli. Għaliex il-bniedem għandu ġisem u ruħ u għalhekk hu spiritwali u korporali fl-istess ħin, hu jasal biex ifisser u jagħraf il-veritajiet spiritwali permezz ta' sinjali u simboli materjali.

Kristu, fil-predikazzjoni tiegħu, spiss għamel użu minn sinjali li ħa mill-ħolqien biex jgħarraf il-misteri tas-Saltna ta' Alla. Ta l-fejqan jew wettaq kliemu permezz ta' sinjali materjali jew permezz ta' ġesti simboliċi. Wara Għid il-Ħamsin, permezz tas-sinjali sagramentali tal-Knisja tiegħu, l-Ispirtu s-Santu jqaddes u jagħti l-ħajja.

Biex ikun hemm apprezzament aktar profond tas-sinjali u s-simboli fil-liturġija hemm bżonn ta' formazzjoni serja, l-ewwelnett permezz taċ-ċelebrazzjoni liturġika nnifisha għaliex waqt li qed tiċċelebra, titgħallem tiċċelebra, u ssir taf x'qed tiċċelebra. Biss wieħed irid jaħseb ukoll dwar mezzi ta' formazzjoni qabel u wara ċ-ċelebrazzjoni.

## Laqgħa ta' djalogu

## 7

Iċ-ċelebrazzjoni sagramentali hi laqgħa ta' wlied Alla ma' Missierhom, fi Kristu u l-Ispirtu s-Santu. Din il-laqgħa ssir qisha djalogu permezz ta' għemil u ta' kliem. L-Ispirtu s-Santu ma jagħtiniex biss li nifhmu l-Kelma ta' Alla u t-talb tal-Knisja biex iqajjem fina l-fidi; permezz tas-sagramenti jagħmel ukoll li jseħħu "l-għeġubijiet" ta' Alla mħabbrin mill-Kelma u t-talb.

## Il-Kelma ta' Alla

8

Qabel kollox, fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi għandu joħroġ is-siwi tas-sinjali tal-Kelma ta' Alla: il-ktieb tal-Kelma ta' Alla (lezzjonarju), il-venerazzjoni li tintwera għalih (purċissjoni, inċens, dawl, bewsa), id-dinjità tal-post fejn titħabbar il-Kelma (l-ambone). Il-qari jrid isir b'mod li l-Kelma tinstema' u tinftiehem. Għaldaqstant mhux biss is-sistema ta' amplifikazzjoni fil-knejjes tagħna trid tkun ta' l-aqwa kwalità, iżda tajjeb li jkun hemm korsijiet ta' formazzjoni serja għal-letturi li fihom jingħata tagħrif bibliku, liturġiku u tekniku. L-animaturi għandhom janimaw il-ġemgħa b'tali mod li din twieġeb bl-aktar mod naturali għall-akklamazzjonijiet, salm responsorjali, stqarrija tal-fidi, u f'waqtiet oħra tal-quddiesa.

## L-omelija

9

L-omelija tkompli t-tħabbira tal-Kelma ta' Alla għaliex tgħin lin-nies ikomplu jidħlu fil-misteri tat-twemmin tal-ħajja nisranija. Fl-omelija, is-saċerdot jew id-djaknu għandu "iwassal lill-aħwa biex jifhmu t-tifsir għoli ta' l-Iskrittura, jiftaħ qlub il-fidili għar-radd il-ħajr lil Alla għall-għeġubijiet kbar tiegħu, iqawwi f'kull min qiegħed jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni l-fidi fil-Kelma li waqt iċ-ċelebrazzjoni ssir sagrament bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu, u jistedinhom jidħlu għad-dmirijiet li titlob minnhom il-ħajja nisranija".[3]

Għalhekk is-saċerdot irid ikollu formazzjoni kontinwa li tinkludi aspetti bibliċi, liturġiċi-teoloġiċi, tekniċi, tax-xjenzi umani u tat-tagħlim soċjali tal-Knisja. Fid-dawl tal-kummenti li saru fil-konsultazzjoni tas-Sinodu,[4] għandha tingħata importanza kbira lil din il-formazzjoni regolari.

3 *Ordni għall-Qari tal-Quddiesa* (1981), 41.

4 Ara *Rapport tal-Konsultazzjoni fl-ewwel fażi tas-Sinodu Djoċesan* (1 ta' Novembru 2000), 9.

Waqt li jiġu osservati n-normi liturġiċi, għandha tiġi studjata l-possibbiltà ta' metodi ġodda kif issir l-omelija: l-użu ta' mezzi awdjo-viżivi u drama jistgħu jkunu fost l-għajnuniet li bihom niffaċilitaw il-komunikazzjoni tal-Kelma ta' Alla. Għandu jiġi wkoll studjat is-sehem ta' lajċi fejn tidħol l-omelija. Minbarra l-qsim ta' esperjenzi – li qatt ma jieħdu l-post ta' l-omelija – il-lajċi jistgħu jgħinu lis-saċerdot billi jiltaqgħu miegħu qabel u jwasslulu ħsibijiet għall-omelija. Naturalment, is-saċerdot m'għandux sempliċiment jiġbor u jgħaqqad is-suġġerimenti. Min jippresiedi jrid imur lil hinn mis-suġġerimenti, għaliex dawk li jagħmluhom mhux bilfors jirrappreżentaw l-idejat tal-komunità sħiħa u għalhekk jistgħu ma jarawx il-bżonnijiet ta' min ikun qed jisma'.

Jixraq li wara l-omelija jitħalla mument tas-skiet għar-riflessjoni tan-nies. Minħabba s-siwi tagħha, fil-każ tal-quddiesa, tajjeb li ssir riflessjoni kuljum, l-aktar fil-ġranet tal-Għid, tar-Randan u ta' l-Avvent, u f'festi oħra u f'dawk l-okkażjonijiet li fihom imorru aktar nies għall-quddies.

## It-talb tal-Knisja

10

Minbarra l-qari tal-Kelma ta' Alla, nikkomunikaw ma' Alla permezz tat-talb tal-Knisja. Bħalma nagħtu importanza kbira lill-Ktieb tal-Kelma, għandna nżommu b'ċerta dinjità l-Missal, u r-Ritwali l-oħra li fihom hemm it-talb tagħna lil Alla. Is-Segretarjat għal-Liturġija għandu jgħin u jagħti l-pariri tiegħu lill-Kummissjoni Liturġika Nazzjonali fil-preparazzjoni ta' traduzzjonijiet liturġiċi ġodda u fir-reviżjoni ta' dawk attwali, ħalli dawn ikunu jinftiehmu sew mill-ġemgħa. Is-Segretarjat għandu jitlob ukoll lill-Kummissjoni Liturġika Nazzjonali biex tistudja l-possibbiltà ta' kompożizzjoni ta' testi ġodda fl-ispirtu ta' l-Istruzzjoni *Liturgiam authenticam.*

Għandha tingħata importanza partikulari lit-talbiet tal-gemgħa, jew it-talba tal-fidili. Il-poplu jrid jifhem li f'dan il-mument ikun qed jaqdi

l-uffiċċju saċerdotali li rċieva fil-magħmudija billi joffri talb lil Alla, fost l-oħrajn għall-bżonnijiet tal-Knisja, għall-ġid tad-dinja, għal dawk li qed ibatu u għall-komunità lokali.[5] Il-kotba maħruġa mill-Kummissjoni Liturġika Nazzjonali huma ta' għajnuna, iżda jixraq li l-intenzjonijiet jiġu addattati biex tassew jirriflettu l-bżonnijiet kontemporanji tal-bniedem.

## Il-kant u l-mużika

11

Il-Knisja dejjem ispirat ruħha mill-eżortazzjoni ta' l-Appostlu Pawlu: "Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali: kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej" (Ef 5,19). Għalhekk tul is-snin fittxet li ġġib 'il quddiem il-kant u l-mużika sagra biex waqt id-devozzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Knisja l-insara jkunu jistgħu jsemmgħu l-ilħna tagħhom, għax "min ikanta jkun jitlob darbtejn" (Santu Wistin). B'dan il-mod jintlaħaq ukoll dejjem aktar l-għan ewlieni tal-liturġija: il-glorja ta' Alla u l-qdusija tal-bnedmin.[6]

## Il-Kummissjoni Mużika Sagra

12

Il-Kummissjoni Mużika Sagra, fi ħdan is-Segretarjat għal-Liturġija, trid tkompli tapprezza u ġġib 'il quddiem it-tradizzjoni mużikali tal-Knisja universali u lokali. Għalhekk trid tara li:

- l-komunità nisranija jkollha ripertorju varjat għaċ-ċelebrazzjonijiet differenti u tara li jkunu esegwiti b'mod xieraq;
- iġġib 'il quddiem il-kant gregorjan;
- tinkuraġġixxi ġeneru kontemporanju ta' mużika sagra li jkollu l-kwalitajiet tassew ta' mużika sagra;

5 *Introduzzjoni Ġenerali għall-Missal Ruman* (2000), 69-70.

6 Dwar dan is-suġġett, ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Kultura-Soċjetà-Knisja*, 66-70.

- tgħin biex jimxu 'l quddiem il-korijiet parrokkjali, l-aktar billi tħarreġ id-diriġenti tal-korijiet u tara wkoll kif tingħata formazzjoni liturġika ġenwina lill-mużiċisti u lill-kanturi, fil-qafas ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.

## Tiċċelebra "illum"

13

Il-Knisja "tħoss li huwa dmir tagħha li tiċċelebra l-opra tas-salvazzjoni li għamel l-Għarus tagħha b'tifkira mqaddsa".[7] Hija u tiċċelebra l-Misteru ta' Kristu fit-talb tagħha spiss ittenni "illum", bi tweġiba għat-talba li għallimha Kristu (ara Mt 6,11) u għas-sejħa ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Lhud 3,7; 4,11; Salm 95,7). Hu "illum" ta' Alla l-ħaj li fih il-bniedem hu msejjaħ biex jidħol fis-"siegħa" tal-Għid ta' Ġesù li tidħol fl-istorja u hi l-qofol tagħha.[8]

## Jum il-Mulej

14

Il-Knisja tiċċelebra, kull tmint ijiem, il-Misteru tal-Għid, skond tradizzjoni minn żmien l-Appostli, tradizzjoni li bdiet mill-jum stess tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet: bir-raġun kollu dan il-jum jissejjaħ Jum il-Mulej, il-Ħadd.[9] Jum il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet hu, fl-istess ħin, "l-ewwel jum tal-ġimgħa", it-tifkira ta' l-ewwel jum tal-ħolqien, u t-"tmien jum" li fih Kristu, wara l-mistrieħ tiegħu tas-Sibt il-Kbir, ta bidu għall-Jum li għamel il-Mulej, jum li ma għandux filgħaxija.[10]

7 Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni *Sacrosanctum Concilium* (4 ta' Diċembru 1963),102.

8 Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (1992), par. 1165.

9 Ara Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Dies Domini* (31 ta' Mejju 1998), fejn jispjega fil-fond it-teoloġija u l-ispiritwalità tal-Ħadd bħala Jum il-Mulej.

10 Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 1166.

Dan il-jum hu proprju tal-ġemgħa liturġika. Fih l-insara jinġabru "ħa jisimgħu l-Kelma ta' Alla, jieħdu sehem fl-Ewkaristija, u jġeddu t-tifkira tal-passjoni, tal-qawmien mill-imwiet u tal-glorja tal-Mulej Ġesù, huma u jroddu ħajr lil Alla li tahom twelid ġdid għal tama ħajja permezz tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet".[11] Is-sehem fl-Ewkaristija għandu jkun "il-qalb tal-Ħadd għall-imgħammdin kollha".[12]

Minbarra l-quddiesa, li hi l-qofol tal-liturġija tal-Knisja, f'dan il-jum għandha tikseb l-importanza li jixirqilha ċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija tas-sigħat. L-insara huma mħeġġa joffru sagrifiċċju ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla, li jibda bit-talba ta' sbiħ il-jum, u jasal għat-tmiem bit-talba ta' radd il-ħajr ma' nżul ix-xemx, u bit-talba ta' qabel il-mistrieħ tal-lejl.

## Attenzjoni liċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa

15

Il-karattru liturġiku ta' Jum il-Mulej irid jiġi enfasizzat aktar. F'kull parroċċa, u speċjalment fejn hemm għadd ta' knejjes, għandha ssir evalwazzjoni tan-numru tal-quddies u ssir ri-organizzazzjoni tal-ħinijiet bil-għan li l-quddies jaqdi l-bżonnijiet tal-komunità u jirrispetta r-riżorsi umani li għandha l-parroċċa.

Il-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali għandha kontinwament tara kif fil-quddiesa l-komunità tiltaqa' mal-Mulej li qam mill-imwiet, u li jistedinha għall-mejda tiegħu. Għalhekk trid tara li dawk li jaqdu xi ministeru jkunu mħarrġin sewwa; li jkun hemm għajnuniet għall-parteċipazzjoni tal-ġemgħa, bħal kotba tal-kant u fuljetti bil-qari; li tingħata importanza lill-parteċipazzjoni attiva tat-tfal u lil dawk bi bżonnijiet differenti. Tajjeb li tiġi studjata l-possibbiltà, l-aktar fil-knejjes kolleġġjati, tat-talb tal-liturġija tas-sigħat flimkien mal-poplu.

[11] *Sacrosanctum Concilium,* 106.

[12] Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Novo Millennio Ineunte* (6 ta' Jannar 2001), 36.

Meta jirċievu l-Ewkaristija, id-dixxipli ta' Kristu jħejju ruħhom biex jidħlu bil-qawwa ta' Kristu Rxoxt għal dawk id-dmirijiet li qed jistennewhom fil-ħajja ta' kuljum. Għall-insara, il-quddiesa ma tispiċċax fil-bieb tal-Knisja iżda huma msejħin biex jagħtu xhieda ta' l-Evanġelju u jxandruh fil-ħajja tagħhom ta' kuljum u biex fl-attivitajiet tal-komunità parrokkjali jwasslu l-ferħ tal-laqgħa tal-Mulej (ara Lq 24,33-35).

## L-għajxien ta' Jum il-Mulej

16

Jum il-Mulej jgħin biex kulħadd igawdi żmien ta' mistrieħ u ta' rikreazzjoni biżżejjed, biex ikun jista' jieħu ħsieb xieraq tal-ħajja tiegħu familjari, kulturali, soċjali u reliġjuża.[13] Skond tradizzjoni antika, il-liturġija tal-Ħadd l-insara jgħixuha permezz ta' għemejjel ta' ġid u servizz umli mal-morda, ma' min hu batut u ma' l-anzjani. L-insara jqaddsu Jum il-Mulej u jħossu l-liturġija bħala għajn ta' ħajja meta jiddedikaw il-ħin u l-ħsibijiet tagħhom għall-familja u għall-qraba, iktar u iktar meta mhux dejjem ikollhom ċans li jagħmlu dan biżżejjed matul il-ġimgħa. Il-Ħadd hu jum ta' riflessjoni u ta' meditazzjoni ta' dak kollu li jgħin biex tikber il-ħajja tar-ruħ.

Ir-rikkezza u l-importanza ta' dan il-jum jitolbu li xi drabi, meta l-Kelma ta' Alla tagħti l-possibbiltà, fl-omelija tal-Ħadd issir katekeżi fuq it-tielet kmandament.

## Is-sena liturġika

17

It-tlett ijiem imqaddsa tal-Għid huma l-qofol tas-sena liturġika għax fihom niċċelebraw il-Misteru tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Iżda

[13] Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* (7 ta' Diċembru 1965), 67.

matul is-sena l-Knisja tiżviluppa aspetti diversi ta' dan l-istess misteru. Dan jgħodd l-aktar għaċ-ċiklu tal-festi tal-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni (i.e. Tħabbira tal-Mulej, Milied, Epifanija). Dawn is-solennitajiet ifakkru l-bidu tas-salvazzjoni tagħna u jagħtuna l-ewwel frott tal-Misteru tal-Għid.

Hija u tiċċelebra kull sena l-Misteru ta' Kristu, il-Knisja Mqaddsa tivvenera b'imħabba speċjali l-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla, li ngħaqdet ma' Binha f'rabta li ma tinħall qatt fl-opra tas-salvazzjoni.[14] Imbagħad meta l-Knisja kull sena tagħmel it-tifkira tal-martri u tal-qaddisin l-oħra, hija tkun ixxandar il-Misteru tal-Għid f'dawk li mxew wara Kristu, batew miegħu u ġew igglorifikati flimkien miegħu, u turihom lill-insara bħala eżempji.[15]

## It-Tlett Ijiem tal-Għid

18

Biex it-Tridu tal-Għid jidher dejjem aktar bħala l-qalba tas-sena liturġika, tajjeb li tiġi valutata mill-ġdid il-liturġija ta' dawn il-jiem.

Irridu niskopru s-sens tas-Sibt filgħodu u mal-Knisja nistħajlu ruħna ħdejn il-qabar ta' Ġesù nimmeditaw fuq il-passjoni u l-mewt tiegħu, u l-inżul tiegħu taħt l-art, waqt li nistennew il-qawmien. Jixraq li l-knejjes ikunu miftuħa u fihom tigi ċċelebrata l-liturġija tas-sigħat.

F'Malta fejn il-ħidma pastorali fir-Randan hija qawwija u fejn għandna diversi ċelebrazzjonijiet popolari marbuta mat-tifkira tal-passjoni tal-Mulej, jista' jagħti l-każ li ċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Għid qed titlef miċ-ċentralità tagħha. Għaldaqstant tajjeb li jiġi studjat kif din tkun verament "omm

[14] Ara *Sacrosanctum Concilium*, 103.

[15] Ara *ibid.*, 103-104.

il-vġejjel imqaddsa kollha" u, jekk hu possibbli, tiġi ċċelebrata bil-lejl biex toħroġ aktar l-idea ta' sahra.

## Katekeżi dwar il-Misteru tal-Għid

19

Minħabba d-devozzjonijiet qawwija lejn il-Madonna u l-qaddisin, trid issir katekeżi biex in-nies jifhmu sewwa t-tifsira tal-Misteru tal-Għid u l-post ċentrali tiegħu fl-istorja tas-salvazzjoni. F'din il-katekeżi għandha tiġi ppreżentata "ġerarkija tal-veritajiet" biex manifestazzjonijiet u ċelebrazzjonijiet li jduru lejn misteri oħra ta' salvazzjoni fil-ħajja ta' Kristu, u lejn il-Verġni Mqaddsa, l-Anġli u l-Qaddisin, isibu posthom. Għalhekk għandu jinstab rimedju biex fil-parroċċi ma jibqgħux jiġu ċċelebrati l-festi titulari jew sekondarji f'nhar il-festi liturġiċi prinċipali, bħalma huma Għid il-Ħamsin, Corpus u t-Trinità Qaddisa.

## Tiġdid taċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi

20

Il-Kummissjoni Liturġika Parrokkjali, bl-għajnuna tas-Segretarjat għal-Liturġija, għandha tistudja wkoll kif se jiġġeddu ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi parrokkjali. Dawn għandhom ikunu okkażjonijiet fejn il-liturġija tas-sigħat u l-quddiesa jiġu ċċelebrati b'solennità aktar mis-soltu, bis-sehem tal-ġemgħa.

## Id-dar tat-talb

21

"Id-dar tat-talb fejn l-Ewkaristija tigi ċċelebrata u fejn tinżamm, fejn jinġabru l-insara, fejn hu preżenti l-Iben ta' Alla, is-Salvatur tagħna, li ġie offrut għalina fuq l-altar tas-sagrifiċċju u jiġi meqjum bħala għajnuna u faraġ ta' l-insara, għandha tkun sabiħa, u adatta għat-talb u għaċ-ċelebrazzjonijiet

Ewkaristiċi."[16] Fil-pjanifikazzjoni u fir-ri-strutturar tal-knejjes għandha tingħata importanza lill-pożizzjoni ta' l-altar, l-ambone, is-sedja, it-tabernaklu, il-battisteru u l-fonti ta' l-ilma mbierek, il-konfessinarju, u r-riserva taż-żjut imqaddsa. Wieħed irid jagħti każ ukoll tal-post tal-ġemgħa li jrid ikun komdu, imdawwal, nadif, arjuż, jistieden għall-ġabra u s-skiet, u jaqdi l-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità.

## Il-Kummissjoni Arti Sagra

22

Il-Kummissjoni Arti Sagra, fi ħdan is-Segretarjat għal-Liturġija, waqt li taħdem fil-qrib mal-kummissjonijiet l-oħra fl-istess Segretarjat, mal-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku u ma' entijiet oħra, trid:

- fil-qafas ta' l-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali, torganizza *seminars* u laqgħat fuq l-ispazju sagru u l-patrimonju artistiku;
- tara li l-proġetti sottomessi għall-approvazzjoni tagħha mhux biss jilħqu livell artistiku iżda fuq kollox jaqdu funzjoni liturġika u pastorali;
- toħroġ linji ta' gwida biex, fejn tinħass il-ħtieġa, il-knejjes tagħna jiġu ri-strutturati għal-Liturġija ta' wara l-Konċilju Vatikan II.

[16] Konċilju Vatikan II, Digriet *Presbyterorum Ordinis* (7 ta' Diċembru 1965), 5.



# Kap III

# IS-SAGRAMENTI

## Is-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija

23

Is-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija – Magħmudija, Konfermazzjoni (Griżma ta' l-Isqof) u Ewkaristija – iqiegħdu l-pedamenti tal-ħajja nisranija kollha. Imweldin għall-ħajja ġdida permezz tal-Magħmudija, l-insara jissaħħu permezz tas-sagrament tal-Konfermazzjoni u fl-Ewkaristija jirċievu l-ħobż tal-ħajja ta' dejjem.[17]

Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tal-bidu tal-ħajja nisranija titlob mill-kandidati (jekk ikunu kbar biżżejjed) u minn dawk li jmexxuhom, mixja ta' smigħ tal-Kelma ta' Alla, konverżjoni awtentika, għajxien ta' l-Evanġelju, u l-inseriment fil-ħajja tal-komunità nisranija.

## Is-sagrament tal-Magħmudija

24

Il-Magħmudija hi l-pedament tal-ħajja nisranija kollha, l-għatba tal-ħajja fl-Ispirtu, il-bieb li minnu ngħaddu għas-sagramenti l-oħra. Bil-Magħmudija ninħelsu mid-dnub u nitwieldu mill-ġdid bħala wlied Alla, insiru membri ta' Kristu u nissieħbu mal-Knisja u fil-missjoni tagħha.

It-tifsir u l-grazzja tas-sagrament tal-Magħmudija jidhru b'mod l-aktar ċar fir-riti taċ-ċelebrazzjoni. L-insara jaslu biex jaraw l-għana kollu mfisser u mogħti minn dan is-sagrament lill-imgħammdin ġodda, jekk jieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjoni u joqogħdu attenti għall-ġesti li jsiru u għall-kliem li jingħad. F'xi okkażjoni partikulari, bħall-festa tal-Magħmudija tal-Mulej, jixraq li ssir katekeżi bbażata fuq ir-rit. F'din il-katekeżi jiġu spjegati l-mumenti prinċipali: il-marka tas-sinjal tas-salib, fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni;

[17] Ara Pawlu VI, Kostituzzjoni Appostolika *Divinae Consortium Naturae* (15 ta' Awissu 1971), Introduzzjoni.

l-eżorċiżmu; it-tberik ta' l-ilma; il-Magħmudija; id-Dilka biż-żejt tal-griżma; il-libsa l-bajda; l-għoti tad-dawl; l-*effatah*.

## Is-sehem tal-ġenituri u tal-parrini

25

Il-grazzja tal-Magħmudija tkompli tiżviluppa fit-trabi bl-għajnuna tal-ġenituri. Hawn ukoll jidħol id-dmir tal-parrini li għandhom ikunu nsara ta' fidi sħiħa, li jkollhom il-ħila u jkunu lesti jgħinu l-imgħammed ġdid fit-triq tal-ħajja nisranija.[18] Biex il-parrini u l-ġenituri jaqdu sew din il-missjoni afdata lilhom, għandha ssir katekeżi għalihom li tieħu l-forma ta' laqgħa jew tnejn, jekk ikun possibbli fid-dar tal-ġenituri.

Mill-banda l-oħra, il-komunità nisranija kollha trid takkumpanja lill-imgħammdin ġodda u tgħinhom fil-mixja nisranija.

## Il-valur tal-battisteru

26

Minħabba ċ-ċentralità tas-sagrament tal-Magħmudija fil-ħajja ta' l-insara, tajjeb li fil-knejjes parrokkjali jiġi apprezzat il-battisteru, biex dan ikun tifkira kontinwa tal-grazzja li l-imgħammed irċieva fil-Magħmudija. Il-post tal-battisteru m'huwiex fuq il-presbiterju u lanqas ma hu idejali l-użu ta' fonti portabili (mhux fiss) ħlief f'każi ta' eċċezzjoni. Tajjeb li, fejn possibbli, il-battisteri joffru l-possibbiltà tal-Magħmudija bl-immersjoni biex joħroġ aktar ċar is-simbolu tat-tisħib fil-mewt ta' Kristu tal-katekumenu, li mill-ilma joħroġ permezz tal-qawmien ma' Kristu bħala ħolqien ġdid. Qrib il-battisteru irid ikollu post dinjituż il-blandun, tifkira kontinwa għall-imgħammed li fil-Magħmudija rċieva "id-dawl veru li jdawwal lil kull

18 Ara l-*Kodiċi tal-Liġi Kanonika* (1983), kan. 872-874.

bniedem" u, imdawwal bih, sar bin id-dawl u hu nnifsu messaġġier ta' dan id-dawl lill-oħrajn.

## L-ewwel Qrara

27

L-ewwel ċelebrazzjoni tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni hi inserita fil-mixja kateketika tat-tfal u din tiġi qabel l-ewwel tqarbina. Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-ewwel qrara għandha tkun adatta għall-età tat-tfal u, minbarra l-aspett ta' dispjaċir għad-dnubiet imwettqa, għandha tingħata importanza kbira lill-maħfra, u l-ferħ tal-ħbiberija miksuba mill-ġdid ma' Alla.

## L-ewwel Tqarbina

28

It-tfal li fil-Magħmudija saru wlied Alla, bl-ewwel Tqarbina jidħlu għall-festa tat-tieġ tal-Ħaruf u jirċievu l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Il-quddiesa ta' l-ewwel Tqarbina trid tiġi ppreparata b'mod li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tat-tfal u l-familjari tagħhom. Għandu jsir sforz biex jiġu evitati esaġerazzjonijiet li jmorru kontra dak kollu li tfisser għalina l-Ewkaristija. Fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-ewwel Tqarbina għandu jkun hemm għażla tas-sempliċità u s-serjetà, u jixraq li tkun mument ta' festa fil-ħajja tal-komunità.

## Is-sagrament tal-Konfermazzjoni

29

Is-sagrament tal-Konfermazzjoni iwassal biex il-grazzja tal-Magħmudija tissaħħaħ aktar. Dan is-sagrament:

- iniżżel fina aktar fil-fond l-għeruq tagħna, bħala wlied Alla;
- jgħaqqadna u jxebbahna b'mod aktar sħiħ ma' Kristu;
- ikattar fina d-doni ta' l-Ispirtu s-Santu;
- jagħmel aktar perfetta r-rabta tagħna mal-Knisja;
- jagħtina qawwa speċjali mill-Ispirtu s-Santu biex inxandru l-fidi

bil-kliem u bl-għemil bħala veri xhieda ta' Kristu biex bil-kuraġġ kollu nistqarru l-isem ta' Kristu u biex qatt ma nistħu mis-salib tiegħu.[19]

## Tħejjija għall-Konfermazzjoni

30

It-tħejjija għall-Konfermazzjoni trid tfittex li twassal lill-persuna li qed tirċievi l-formazzjoni għal għaqda aktar intima ma' Kristu, u għal familjarità aktar ħajja ma' l-Ispirtu s-Santu, mal-ħidma, id-doni u s-sejħat tiegħu. Il-katekeżi tal-Konfermazzjoni trid tfittex li twassal lil dawk li se jirċievu s-sagrament ħa jħossu verament li huma membri tal-Knisja ta' Kristu, l-aktar billi jħossuhom parti mill-komunità parrokkjali[20] u li lesti jidħlu għall-ħidma ta' l-appostolat.

Din il-mixja kateketika titlob li l-età tal-Konfermazzjoni tiġi riveduta u ċ-ċelebrazzjoni ssir meta tfal ikunu akbar fl-età. Fl-istess waqt m'għandniex ninsew li l-grazzja tal-Magħmudija hi grazzja ta' għażla li Alla jagħmel minn rajh mingħajr ebda mertu tagħna, u għalhekk ma teħtieġ ebda ratifika biex tibda sseħħ.[21]

Għall-Konfermazzjoni, il-kandidati għandhom ifittxu li jkollhom l-għajnuna spiritwali ta' parrinu/a. L-istess bħalma jiġri fil-Magħmudija, il-kappillan minn żmien qabel għandu jinforma lill-ġenituri dwar il-kwalitajiet li għandu jkollhom il-parrini, jiġifieri li jridu jkunu nies li jipprattikaw il-fidi li jħaddnu u li jgħixu ħajja morali skond it-tagħlim tal-Knisja. Jaqbel li dawn ikunu l-istess tal-Magħmudija biex tidher ċara r-rabta li hemm bejn iż-żewġ sagramenti.[22] Jekk il-familja ma jkollhiex persuna li tkun fi grad li

[19] Ara *Lumen Gentium,* 11-12.

[20] Ara *Ordni għall-Griżma* (1972),Tagħrif ta' qabel: 3,4.

[21] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* par. 1308.

[22] Ara *Ordni għall-Griżma*, Tagħrif ta' qabel: 5,6.

takkumpanja lill-kandidat fil-mixja tal-fidi, tajjeb li katekist jew persuna oħra fil-komunità tintgħażel biex tassumi din ir-responsabbiltà.

L-Isqof, nhar Ħamis ix-Xirka, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Griżma, jikkonsagra ż-żejt tal-griżma għad-djoċesi tiegħu. Rappreżentanti tal-kandidati għas-sagrament tal-Konfermazzjoni mill-parroċċi jistgħu jiġu mistiedna biex jattendu għal din il-konsagrazzjoni li nistgħu nqisuha bħala parti miċ-ċelebrazzjoni tal-Konfermazzjoni.[23] Barra minn hekk, qabel jibdew iċ-ċelebrazzjonijiet tas-sagrament tal-Konfermazzjoni fid-djoċesi, l-Arċisqof jista' jiltaqa' mal-kandidati kollha f'laqgħa li tiġi organizzata għalihom, biex hu, il-ministru tas-sagrament, jipprepara lil dawk li jkunu waslu biex jirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.

## Itinerarju għall-adulti

31

L-operaturi pastorali għandhom kemm jista' jkun isegwu l-mixja kateketika-liturġika stabbilita mir-rit liturġiku, bħala eżempju tipiku ta' inizjazzjoni sħiħa fil-fidi u fil-ħajja nisranija. Ir-rit jinkludi ċelebrazzjonijiet tal-Kelma ta' Alla u talb ieħor u għandu bħala qofol iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, tal-Konfermazzjoni u ta' l-Ewkaristija. Din il-mixja tkompli mbagħad fl-esperjenza li wieħed jagħmel fil-Knisja.

Ir-realtà ta' llum titlob b'urġenza akbar li l-parroċċi jkunu tassew strumenti ta' ri-evanġelizzazzjoni biex iħabbru l-Evanġelju ta' Kristu lil dawk l-imgħammdin li ma jipprattikawx il-ħajja nisranija u hekk jinġibdu ħalli jgħixuha b'impenn fil-ħajja personali, familjari u komunitarja. Frott kbir pastorali jittieħed jekk fil-parroċċa jkun hemm katekeżi ta' wara l-magħmudija mibnija b'mod ta' katekumenat u ispirata mir-Rit tad-Daħla Nisranija ta' l-Adulti u d-*Direttorju Ġenerali tal-Kateketika*.

[23] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 1297.

## Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija

32

L-Ewkaristija hi l-qalba u l-qofol tal-ħajja tal-Knisja għax fiha Kristu jsieħeb il-Knisja u l-membri kollha tiegħu fis-sagrifiċċju ta' tifħir u ta' radd il-ħajr li offra darba għal dejjem fuq is-salib lil Missieru. Il-quddiesa hi għalhekk it-tifkira tal-Għid tal-Mulej, jiġifieri tal-ħajja bil-mewt u bil-qawmien ta' Kristu. Waqt il-quddiesa dan il-misteru jiġġedded taħt sinjali sagramentali. B'dan is-sagrifiċċju Kristu jxerred kotra ta' grazzji fuq il-Knisja.

L-elementi ewlenin tal-quddiesa huma: it-tħabbira tal-Kelma ta' Alla; ir-radd ta' ħajr lil Alla l-Missier għall-ġid kollu li jagħtina, u l-aktar għad-don ta' Ibnu stess; il-konsagrazzjoni tal-ħobż u l-inbid; u t-tisħib fil-mejda Ewkaristika bit-tqarbin bil-Ġisem u d-Demm tal-Mulej.

## Katekeżi dwar il-quddiesa

33

Biex l-insara jifhmu aħjar il-kobor tal-quddiesa jeħtieġ li tingħata katekeżi dwar il-quddiesa. Din il-katekeżi trid tħares lejn il-quddiesa mill-aspett liturġiku-teoloġiku, tispjega s-simboliżmu u l-ġesti, it-talb liturġiku u aspetti oħra liturġiċi (bħal, ngħidu aħna, iż-żminijiet).[24] Dan jgħin biex in-nies jitwasslu għal sehem sħiħ, ħaj u attiv waqt iċ-ċelebrazzjoni.

Jixraq ukoll li f'din l-ispjega tal-quddiesa tingħata importanza lill-preparazzjoni għat-tqarbin u l-frott li jiġi minnu. Fuq kollox, dan it-tagħlim għandu jgħaqqad l-Ewkaristija mal-ħajja ta' kuljum, b'mod speċjali f'ħidma ta' qadi u f'ħidma għall-gustizzja soċjali, għaliex jeħtiġilna naraw lil Kristu fil-foqra ħutna (ara Mt 25,40).

[24] Ara paragrafi 2-17 ta' dan id-dokument.

## Għajnuna għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa

34

Is-saċerdot għandu jkun jaf tajjeb il-varjetà li joffri l-Missal Ruman, u jagħraf iħaddem din il-varjetà (bħal fl-għażla ta' quddies u mumenti ritwali) biex jgħin lill-ġemgħa tidħol aktar fil-qalba tal-quddiesa. Is-Segretarjat għal-Liturġija għandu jipprepara direttorju għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa biex jgħin lis-saċerdot jaddatta, skond in-normi liturġiċi, il-quddiesa għall-ġemgħa miġbura quddiemu.

## Il-qima lejn l-Ewkaristija barra l-quddiesa

35

L-Ewkaristija tinżamm fit-tabernaklu:

- biex tkun tista' tittieħed lill-morda jew tingħata barra mill-quddiesa lil dawk li ma jkunux għall-quddiesa;
- għall-adorazzjoni fis-skiet tal-Mulej, biex in-nies jimmeditaw fil-fond fuq il-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija;
- għall-adorazzjoni tagħna f'purċissjoni fit-toroq tal-belt jew raħal.

Biex l-insara jersqu aktar għall-adorazzjoni fis-skiet ta' l-Ewkaristija jixraq li fil-parroċċi kollha:

- tiġi studjata l-possibbiltà li, kif diġà hemm f'xi parroċċi, ikun hemm kappella għall-adorazzjoni perpetwa li tinżamm miftuħa sa tard bil-lejl biex taqdi l-ħtiġijiet tal-bniedem ta' llum; li jkun hemm post ta' adorazzjoni siekta u kontinwa f'kull parroċċa hu tassew ta' min jinkuraġġih;
- issir valutazzjoni tal-mumenti li fihom issir adorazzjoni animata, bħal dik tal-Ħamis jew ta' l-Ewwel Ġimgha tax-xahar;
- tingħata aktar importanza lill-purċissjoni ta' Corpus u tal-Qalb ta' Ġesù, u l-jiem tal-kwaranturi. Dawn l-okkażjonijiet iridu jidhru

bħala manifestazzjoni tal-fidi ta' l-insara fl-Ewkaristija u bħala att ta' qima lil Kristu preżenti fl-Ewkaristija.

Fejn f'parroċċa, barra l-knisja parrokkjali, hemm knejjes oħra, l-aktar tar-reliġjużi, m'għandhomx isiru fl-istess okkażjoni purċissjonijiet miż-żewġ knejjes (f'festi bħal Corpus u l-Qalb ta' Ġesù). Ta' min jinkuraġġixxi li ċerti purċissjonijiet jkunu organizzati mill-parroċċi tal-viċin flimkien, fejn dan hu possibbli.

Dan kollu għandu jgħin biex il-parroċċi u komunitajiet insara oħra jkunu dejjem aktar "skejjel ġenwini ta' talb".[25] Għandha tingħata importanza kbira lill-edukazzjoni fit-talb u lill-ħolqien ta' klima ta' talb fil-parroċċi u komunitajiet oħra.[26]

## Is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni

36

Bis-sagramenti tad-dħul fil-ħajja nisranija, il-bniedem jieħu l-ħajja ġdida fi Kristu. Din il-ħajja aħna nġorruha "f'ġarar tal-fuħħar" (2 Kor 4,7). Għaldaqstant tista' tiddgħajjef u tintilef permezz tad-dnub. Ġesù kontinwament isejħilna għall-indiema. Din is-sejħa hi parti essenzjali mit-tħabbira tas-Saltna: "Iż-żmien huwa mitmum u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1,15). Il-Knisja, b'fedeltà lejn il-missjoni tagħha li tkompli l-bini tas-Saltna fuq din l-art, tistieden lill-insara għall-indiema, u tfittex li tagħti katekeżi biblika, teoloġika u morali dwar is-sens tad-dnub u l-bżonn tal-konverżjoni u r-rikonċiljazzjoni sagramentali ma' Alla u mal-Knisja. Alla hu Missier kollu mħabba li dejjem lest jilqa' l-midneb, anzi jfittxu biex jistiednu jerġa' jitħabbeb miegħu.[27]

[25] *Novo Millennio Ineunte,* 33.

[26] Ara *ibid.,* 34.

[27] Ara Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Dives in Misericordia* (30 ta' Novembru 1980), 6, 13.

## Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni

37

Kristu waqqaf is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni għall-insara midinbin, b'mod speċjali għal dawk li wara l-Magħmudija jaqgħu fi dnub gravi u hekk jitilfu l-grazzja tal-Magħmudija.[28]

Ir-Rikonċiljazzjoni, bħas-sagramenti l-oħra, hi azzjoni liturġika. Skond ir-ritwal attwali, is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni jista' jiġi ċċelebrat f'ċelebrazzjoni jew komunitarja jew individwali. Fiż-żewġ forom ta' ċelebrazzjoni nsibu l-qrara personali u l-assoluzzjoni individwali.

Fiċ-ċelebrazzjoni komunitarja, il-liturġija tal-Kelma, bil-qari, bl-omelija, bl-eżami tal-kuxjenza, bit-talb komunitarju għall-maħfra, bil-Missierna, u bit-talb komunitarju ta' radd il-ħajr, toffri dehra aktar ċara tal-karattru ekkleżjali tal-Penitenza. Minħabba f'hekk, iċ-ċelebrazzjonijiet komunitarji tar-Rikonċiljazzjoni għandhom jiġu ċċelebrati b'mod regolari fil-parroċċi, b'mod speċjali fi żmien l-Avvent, ir-Randan u l-festa parrokkjali, u mumenti importanti oħra fil-ħajja tal-komunità parrokkjali jew tal-gruppi.

Fiċ-ċelebrazzjoni individwali tas-sagrament tal-maħfra għandhom, kemm jista' jkun, jiġu osservati l-elementi kollha taċ-ċelebrazzjoni: tislima u barka tas-saċerdot, qari tal-Kelma ta' Alla, eżortazzjoni għall-indiema, l-istqarrija tad-dnubiet, l-għoti u l-aċċettazzjoni tal-penitenza, l-assoluzzjoni tas-saċerdot, it-tifħir u radd il-ħajr, u l-barka tas-saċerdot.

L-insara wkoll, kemm jekk jieħdu sehem fi qrara individwali u kemm jekk jieħdu sehem f'ċelebrazzjoni komunitarja bi qrar individwali, għandhom jiġu megħjuna biex jifhmu u jipparteċipaw fiċ-ċelebrazzjoni sħiħa. L-insara għandhom jiġu megħjuna biex jimmeditaw l-Iskrittura; biex

[28] Ara *Ordni għall-Penitenza* (1977), Tagħrif ta' qabel: 2.

jagħmlu l-eżami tal-kuxjenza; biex jagħmlu talbiet personali ta' maħfra u ta' ringrazzjament. Huma għandhom jiġu megħjuna jifhmu li l-qrara mhix sempliċi stqarrija tad-dnubiet, iżda wkoll ringrazzjament għat-tjubija ta' Alla, għarfien ta' l-ingratitudni flimkien ma' ndiema sinċiera tad-dnub, u proklamazzjoni taċ-ċertezza li Alla ħafrilna u xerred fuqna l-ħniena tiegħu.[29]

## Is-saċerdot u s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni

38

Is-saċerdot, huwa u jiċċelebra s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, ikun qed jaqdi l-ministeru tar-Ragħaj it-tajjeb li jfittex in-nagħġa l-mitlufa, tas-Samaritan it-tajjeb li jdewwi l-ġerħat, tal-Missier li jistenna l-iben il-ħali jerġa' lura ħa jilqgħu fi ħdanu, ta' l-Imħallef ġust li jagħmel il-ħaqq skond il-ġustizzja u l-ħniena.[30] Biex is-saċerdoti jaqdu dejjem aħjar dan il-ministeru jeħtieġ:

- li huma nfushom iħossu l-bżonn tal-maħfra sagramentali, għaldaqstant għandhom ifittxu li jersqu b'mod spiss u regolari lejn dan is-sagrament;
- li jkunu lesti biex jilqgħu lin-nies għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-istess sagrament kull darba li jitolbuh b'mod raġonevoli;
- li jkunu jafu sewwa x'inhi l-imġiba nisranija, u fil-ġudizzji u l-pariri tagħhom ikunu fidili lejn it-tagħlim tal-Knisja; dan jitlob preparazzjoni serja u aġġornament kontinwu.

Is-saċerdoti, meta jkun possibbli, għandhom jużaw l-ilbies liturġiku waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-maħfra. B'dan il-mod juru li din hi ċelebrazzjoni sagramentali.

[29] Dawn it-tliet elementi huma magħrufa bħala: *confessio laudis, confessio vitae* u *confessio fidei.*

[30] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 1465.

## Ħinijiet u postijiet għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament

39

Biex in-nies ikollhom il-possibbiltà li jqerru, il-preżenza tal-konfessuri trid tkun assigurata. Għalhekk fil-knejjes kollha għandu jkun hemm orarju għall-qrar li jkunu jafuh in-nies (dan l-avviż jista' jkun man-*noticeboard* tal-Knisja). Irid ikun hemm ħin suffiċjenti għall-qrar is-Sibt filgħaxija u lejlet xi festa. Dan jgħin biex inaqqas, kemm hu possibbli, il-qrar waqt il-quddiesa peress li kull ċelebrazzjoni liturġika titlob parteċipazzjoni attiva u ħajja, u għalhekk esklussiva.

Il-konfessinarju jrid ikun funzjonali, komdu u dinjituż, u b'mod li jgħin lill-penitent, jekk ikun jixtieq, jibqa' anonimu.

Fil-qrar li jsir fis-sagristiji għandha tinżamm id-dinjità u l-privatezza b'mod li tkun ċelebrazzjoni kif jixraq ta' dan is-sagrament.

Tajjeb li f'kull knisja, fejn hu possibbli, ikun hemm kamra b'bibien tal-ħġieġ, fejn dawk li jixtiequ jkunu jistgħu jqerru.[31] Din tista' tintuża wkoll għal dawk li jfittxu direzzjoni spiritwali.

Tkun ħaġa f'waqtha li fil-parroċċi perjodikament ikun hemm saċerdoti minn barra l-parroċċa għall-qrar.

## Il-quddiesa u l-maħfra

40

Iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa għandha l-qawwa li tippurifika l-qalb tal-bniedem, għaliex fiha jerġa' jseħħ sagramentalment is-sagrifiċċju ta' Kristu

[31] Ara *Normi dwar il-post tal-Qrar*, Atti tal-Konferenza Episkopali Maltija, nru 1, 21-22.

li bih reġa' ħabbibna ma' Alla. L-Ewkaristija teħlisna mill-ħtijiet ta' kull jum u tħarisna mid-dnubiet gravi.[32] Tajjeb li l-insara jitgħallmu japprezzaw il-partijiet penitenzjali tal-quddiesa, iżda fuq kollox jipparteċipaw f'kull quddiesa b'impenn imġedded ta' konverżjoni, biex joffru lilhom infushom bħala sagrifiċċju li jogħġob lil Alla (ara Rm 12,1-2).

Il-mument penitenzjali tal-quddiesa m'għandux jiġi mħawwad maċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.[33]

## Jiem ta' sawm u penitenza

41

Fil-mixja tal-konverżjoni għandhom importanza kbira ż-żminijiet u l-jiem ta' penitenza (per eżempju, ir-Randan u kull nhar ta' Ġimgħa b'tifkira tal-passjoni tal-Mulej). Is-sawm, it-talb u l-għoti tal-karità (ara Mt 6,1-18) għandhom jikkaratterizzaw dawn il-jiem. Dawn juru l-isforzi li wieħed jagħmel biex jinbidel u jikkonverti fir-relazzjonijiet ma' Alla, ma' għajru u miegħu nnifsu.

## Is-sagrament ta' l-Ordni

42

Il-Knisja kollha hi poplu saċerdotali. Permezz tal-magħmudija, il-fidili kollha għandhom sehem mis-saċerdozju ta' Kristu. Dan it-tisħib jissejjaħ "is-saċerdozju komuni tal-fidili". Fuq il-bażi tiegħu u għall-qadi tiegħu hemm parteċipazzjoni oħra fil-missjoni ta' Kristu, dik tal-ministeru li jingħata bis-

[32] Ara Konċilju ta' Trentu, Sessjoni XIII (11 ta' Ottubru 1551), *Digriet dwar l-Ewkaristija*, Kap I.

[33] Għandu jkun ċar l-obbligu tal-qrar sagramentali qabel ma wieħed jersaq għat-tqarbin f'każ ta' dnub gravi, b'eċċezzjoni għal dak li hemm previst f'kan. 916.

sagrament ta' l-Ordni, li l-ħidma tiegħu hi dik li jaqdi fi ħdan il-komunità, f'isem Kristu u fil-persuna ta' Kristu r-Ras.[34]

Is-saċerdozju ministerjali hu essenzjalment differenti mis-saċerdozju komuni tal-fidili. Il-ministri ordnati jaqdu s-servizz tagħhom mal-poplu ta' Alla bit-tagħlim, biċ-ċelebrazzjoni u bit-tmexxija pastorali.[35]

## Apprezzament u talb għas-saċerdoti

43

L-insara, filwaqt li japprezzaw dawn is-sejħat speċjali fi ħdan il-Knisja, huma mħeġġa biex jitolbu għall-vokazzjonijiet presbiterali "biex Sid il-ħsad jibgħat aktar ħaddiema fl-għalqa tal-ħsad tiegħu" (Lq 10,2). Dan jista' jsir b'talb: f'jum il-vokazzjonijiet li jigi ċċelebrat fir-raba' Ħadd tal-Għid; fit-tifkira ta' l-istituzzjoni tas-saċerdozju nhar Ħamis ix-Xirka; fil-festa ta' xi appostlu jew qaddis saċerdot; meta l-Kelma ta' Alla pproklamata waqt il-quddiesa jkollha tema vokazzjonali. F'xi whud minn dawn il-każijiet tista' ssir il-quddiesa għall-vokazzjonijiet presbiterali.

Barra minn hekk, diversi ċelebrazzjonijiet fil-ħajja tas-seminaristi jew ta' l-istudenti reliġjużi, bħall-aċċettazjoni tal-kandidati għas-saċerdozju, u l-għoti tal-ministeri (Lettorat u Akkolitat) bħala tħejjija għall-Ordinazzjoni, għandhom jigu ċċelebrati fil-parroċċi biex hekk il-poplu jara, jifhem u jħoss aktar il-mixja vokazzjonali saċerdotali fil-Knisja.

Il-Knisja f'Malta għandha tiċċelebra b'ferħ l-anniversarju ta' l-ordinazzjoni episkopali ta' l-Isqof tagħha. Fil-parroċċi għandhom jiġu

34 Sa mill-bidu l-ministeru ordnat ingħata u tħaddem fi tliet gradi jew ordnijiet. L-Isqof jirċievi l-milja tas-sagrament ta' l-Ordni li bih jidħol fil-kulleġġ ta' l-Isqfijiet u jagħmlu kap viżibbli tal-Knisja partikulari li tiġi afdata lilu. Il-presbiteri huma msejħin biex ikunu kollaboraturi għaqlin ta' l-Isqfijiet. Id-djakni huma ministri ordnati għall-ħidmiet ta' qadi fil-Knisja. Huma ma jirċevux is-saċerdozju ministerjali, imma l-ordinazzjoni tagħhom tagħtihom uffiċċju importanti li jwettquh taħt l-awtorità ta' l-Isqof.

35 *Munus docendi, munus sanctificandi* u *munus regendi.*

iċċelebrati l-anniversarji ta' l-ordinazzjoni tas-saċerdoti li jagħtu s-servizz tagħhom f'dik il-komunità. B'hekk, waqt li nirringrazzjaw lil Alla għad-don tas-sagrament ta' l-Ordni, niftakru li l-istruttura organika tal-Knisja ma tistax tgħaddi mingħajr il-ministeri mogħtija permezz ta' l-Ordinazzjoni. Dan iħeġġiġna biex f'dawn il-mumenti ninterċedu għall-ministri ordnati tal-Knisja biex Hu li għażilhom iżomm idejh fuqhom, jagħtihom il-qawwa biex ikunu qaddejja, u jsejjaħ oħrajn biex iwieġbu għas-sejħa tiegħu u jingħataw għall-ħajja ministerjali.

## Is-sagrament taż-Żwieġ

44

Kristu l-Mulej għolla r-rabta taz-żwieġ bejn l-imgħammdin għad-dinjità ta' sagrament.[36] F'dan is-sagrament l-għarajjes insara jagħtu lil xulxin imħabbithom għal ħajjithom kollha, fuq ix-xbieha ta' l-imħabba li biha Kristu ħabb il-Knisja tiegħu u ta ħajtu għaliha (ara Ef 5,21-33) u minn din l-imħabba ta' Kristu jirċievu l-grazzji u l-għajnuniet li jeħtieġu biex jgħixu b'fedeltà l-offerta tagħhom ta' mħabba.

Minħabba r-rabta li s-sagramenti kollha għandhom mal-Misteru tal-Għid ta' Kristu,[37] normalment iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ ta' żewġ kattoliċi ssir fil-quddiesa. Fl-Ewkaristija sseħħ it-tifkira tal-Patt il-Ġdid, li bih Kristu ngħaqad darba għal dejjem mal-Knisja, l-Għarusa maħbuba tiegħu, li għaliha ta lilu nnifsu.[38] Hu għalhekk li l-miżżewġin kattoliċi huma mħeġġin biex l-offerta ta' ħajjithom kollha lil xulxin jgħaqqduha ma' l-offerta ta' Kristu għall-Knisja tiegħu, imġedda fil-quddiesa. Imbagħad meta jitqarbnu minn ħobża waħda u kalċi wieħed, huma jsiru ġisem wieħed fi Kristu (ara 1 Kor 10,17).

36 Ara d-dokument tas-Sinodu *Żwieġ u Familja*.

37 Ara *Sacrosanctum Concilium*, 61.

38 Ara *Lumen Gentium*, 6.

## Tħejjija għas-sagrament taż-Żwieġ

45

Iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament taż-Żwieġ għandha titħejja bl-akbar reqqa. Minbarra l-preparazzjoni remota, li fiha l-għarajjes ikollhom tagħlim dwar id-dinjità u d-dmirijiet taż-żwieġ, huma għandhom jiġu akkumpanjati biex jifhmu l-għana tat-talb u l-ġesti li nsibu fir-rit taż-żwieġ.

Ftit gimgħat qabel iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, preferibilment is-saċerdot li se jippresiedi ċ-ċelebrazzjoni liturġika jiltaqa' mal-għarajjes biex flimkien jippreparaw il-quddiesa tat-tieġ u jirriflettu dwarha.

- F'din il-laqgħa ta' katekeżi immedjata għandha tingħata importanza lit-talba tal-barka tal-għarajjes. Permezz ta' din it-talba l-miżżewġin jirċievu l-Ispirtu s-Santu bħala għaqda ta' mħabba fi Kristu u l-Knisja. Hu l-Ispirtu s-Santu l-bidu ta' l-imħabba tagħhom għal xulxin, il-qawwa li fiha dejjem tiġġedded il-fedeltà tagħhom għal xulxin.[39]
- Jintgħażel il-qari mill-Kotba Mqaddsa li mbagħad jitfisser fl-omelija, il-forma li biha se jfissru l-kunsens tagħhom, il-formularji għat-tberik taċ-ċrieket, il-barka tal-għarajjes. Tajjeb li l-għarajjes jiġu megħjuna jimmeditaw it-testi li jagħżlu, biex fihom jaraw programm għall-ħajja miżżewġa.
- Jintgħażel il-kant li għandu jkun jaqbel mal-quddiesa tat-tieġ.
- Issir stedina biex dawk li se jiżżewġu jħejju ruħhom għaż-żwieġ tagħhom billi jersqu għas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

## Iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ

46

Iż-żwieġ Alla riedu għall-qdusija tal-poplu ta' Alla. Għalhekk iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ għandha sura komunitarja li titlob is-sehem tal-komunità parrokkjali, jew almenu ta' xi wħud mill-komunità.[40]

[39] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 1624.

[40] Ara *Rit taż-Żwieġ* (1992), Tagħrif ta' qabel: 28.

Biex l-insara kollha jieħdu sehem attiv, ħaj u jinftiehem fiċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ, tajjeb li minn żmien għal żmien, f'xi Ħadd partikulari, ikollhom tagħlim dwar x'ifisser iż-żwieġ nisrani, dwar id-dmirijiet tal-miżżewġin u tal-ġenituri nsara, u dwar ir-rit taż-żwieġ.

Fil-quddiesa tat-tieġ, is-sehem tal-ġemgħa jrid jingħata importanza. Minbarra li xi wħud jiġu mistiedna biex jipproklamaw il-qari tal-Kelma ta' Alla jew l-intenzjonijiet tat-talbiet tal-fidili, jixraq li l-ġemgħa kollha tieħu sehem bit-tweġibiet lis-saċerdot, bit-talb fis-silenzju, bil-parteċipazzjoni fil-kant u fuq kollox bit-tqarbin.

Iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ hi wkoll okkażjoni biex il-koppja taqsam il-ferħ tagħha ma' dawk li huma fil-bżonn. L-għarajjes għandhom jiġu mħeġġa biex fl-okkażjoni tat-tieġ tagħhom jaħsbu f'dawk li għandhom bżonnijiet partikulari fil-komunità.

It-tiżjin ta' barra għandu jesprimi ċerta sobrjetà u dinjità, biex wieħed jevita ħela ta' flus u biex ma jkunx hemm tiżjin goff li jista' jtellef ambjent ta' talb u ġabra. Għal dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tiżjin tal-fjuri u tiżjin ieħor għandhom jiġu osservati n-normi li joħorġu mis-Segretarjat għal-Liturġija. Għandhom ukoll jiġu osservati normi dwar il-preżenza ta' fotografi u kantanti waqt iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.

Il-grazzja taż-żwieġ trid tiġi kontinwament imsaħħa mill-Kelma ta' Alla, mit-talb u mis-sagramenti. B'hekk il-miżżewġin jinfetħu għal xulxin fil-mixja tal-ħajja u għat-twettiq tal-vokazzjoni tagħhom bħala knisja tad-dar. Biex tiġi msaħħa din l-ispiritwalità taż-żwieġ u l-familja, tajjeb li jkun hemm mumenti fil-ħajja tal-komunità nisranija li fihom issir it-tifkira tal-grazzja taż-żwieġ. Għal dan l-iskop jixraq li darba fis-sena tiġi organizzata festa għall-familja, u li l-miżżewġin jiġu mħeġġa biex jiċċelebraw b'mod nisrani l-anniversarji importanti tal-familja tagħhom.

## Il-kura pastorali tal-morda u ta' l-anzjani

47

Il-mard u t-tbatija minn dejjem kienu fost il-problemi l-aktar serji li jġarrbu l-ħajja tal-bniedem. Fil-mard il-bniedem jara kemm kultant ma jista' jagħmel xejn, jagħraf il-limiti tiegħu u jifhem li jrid jintemm. Il-mard jista' jwassal biex wieħed jaqta' qalbu u jingħalaq fih innifsu. Jista' jiġri wkoll li jkun hemm min jiddispra u jeħodha kontra Alla.

Iżda l-mard jista' jwassal ukoll biex nimmaturaw, naraw dak li m'huwiex essenzjali f'ħajjitna u nintrabtu aktar ma' dak li hu essenzjali. Spiss il-mard iwassal biex wieħed ifittex aktar lil Alla u jersaq aktar qrib tiegħu.[41]

Il-Knisja tafda l-morda lill-Mulej, li bata u hu glorjuż, biex ifarraġhom u jsalvahom; anzi tħeġġiġhom biex, huma u jissieħbu minn rajhom mal-passjoni u l-mewt ta' Kristu, jagħtu sehemhom għall-ġid tal-poplu ta' Alla.[42]

## Iż-żjajjar lill-morda u t-tqarbin tal-morda u ta' l-anzjani

48

L-insara kollha huma fid-dmir li jagħmlu żjajjar lill-morda fid-djar jew fl-isptarijiet. F'dawn il-mumenti għandhom ifittxu li jfarrġuhom fil-Mulej, u jagħtuhom għajnuna ta' aħwa fil-ħtiġijiet tagħhom. Jixraq ukoll li wieħed iħajjar lill-morda biex jitolbu waħedhom jew ma' qrabathom u ma' dawk li jduru bihom. L-aħjar ħaġa hi li dan it-talb jagħmluh bl-għajnuna ta' l-Iskrittura Mqaddsa, billi jimmeditaw fuq dak li hi tgħallimna dwar ir-rabta li hemm bejn il-misteru tal-mard tal-bniedem u Kristu u l-opra tiegħu tal-fidwa, jew billi jinqdew b'talb meħud mis-salmi u testi bibliċi oħra.[43]

[41] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 1500-1501.

[42] Ara *Lumen Gentium,* 11.

[43] Ara *Ordni għas-Sagrment tal-Morda* (1974), 44.

Fil-ħidma pastorali mal-morda għandha tingħata attenzjoni partikulari lis-sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni u tat-Tqarbin.

Is-saċerdoti għandhom ikunu disponibbli biex iżuru l-morda u l-anzjani meta dawn jitolbuhom biex iqerru. Tajjeb li jkunu huma stess li jipproponu lill-morda biex jirċievu dan is-sagrament b'ċerta regolarità.

Il-morda u l-anzjani, f'darhom jew fl-isptarijiet jew f'xi istituzzjonijiet oħra, għandu jkollhom ukoll l-opportunità li jitqarbnu ta' spiss. Għaldaqstant kull parroċċa jew sptar jew dar ta' l-anzjani, għandu jkollha, skond in-neċessità, numru ta' ministri straordinarji tat-tqarbin li, flimkien mas-saċerdoti u d-djakni, jagħtu dan is-servizz importanti lill-morda.

F'każi ta' mard fit-tul, il-kappillan irid ukoll jikkonsidra l-opportunità li jiċċelebra l-quddiesa fid-dar tal-marid. Saċerdoti oħra jistgħu jagħmlu dan wara li jinfurmaw lill-kappillan.

## Is-sagrament tad-Dilka tal-morda

49

Id-Dilka tal-morda għandha dawn l-effetti:

- il-marid jirċievi l-qawwa biex jingħaqad b'mod intimu mal-passjoni ta' Kristu għall-ġid tiegħu u tal-Knisja;[44]
- il-marid jirċievi d-doni ta' l-Ispirtu s-Santu: il-faraġ, il-paċi u l-kuraġġ biex jgħix ta' nisrani t-tbatija tal-marda jew tax-xjuħija;[45]
- il-marid jirċievi l-fejqan tal-ġisem, jekk din hi rieda ta' Alla;[46]

[44] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 1521.

[45] Ara *ibid.*, par. 1520.

[46] Ara *ibid.*

- il-marid jirċievi l-maħfra tad-dnubiet jekk ma setax jirċievi din il-maħfra bis-sagrament tal-Rikonċiljazzjoni;[47]
- il-marid jitħejja għall-ħajja ta' dejjem.[48]

Id-Dilka tal-morda hi ċelebrazzjoni liturġika vera u proprja, kemm jekk issir id-dar, fl-isptar jew fil-Knisja, għal marid wieħed jew għal ħafna.[49] Jaqbel ħafna, jekk iċ-ċirkustanzi jippermettu, li ssir waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija.

Peress li d-Dilka tal-morda m'hijiex sagrament li jingħata biss lil min ikun fl-aħħar ta' ħajtu,[50] tajjeb li fil-knejjes parrokkjali, fil-kappelli ta' l-isptarijiet u fid-djar ta' l-anzjani, jigi ċċelebrat dan is-sagrament minn żmien għal żmien, f'forma komunitarja. F'dawn l-okkażjonijiet jirċievu s-sagrament dawk l-anzjani "li saħħithom tkun naqset ħafna, ukoll jekk ma jkollhomx mard perikoluż".[51] Jirċievu wkoll dan is-sagrament dawk l-insara li jkollhom xi marda gravi.[52] Minbarra dawn il-każijiet, hi ħaġa xierqa li wieħed jirċievi d-Dilka mqaddsa qabel operazzjoni kirurġika serja.[53]

L-insara jistgħu jirċievu katekeżi dwar dan is-sagrament billi s-saċerdot jiddedika għal dan il-għan l-omelija tal-Ħadd qrib "Jum il-morda" jew ta' xi Ħadd ieħor, meta s-siltiet tal-Kelma ta' Alla jkunu jaqblu ma' din it-tema.

Iż-żejt tad-Dilka tal-morda, bħaż-żjut imqaddsa l-oħra, għandu jinżamm f'post u f'kontenitur xieraq u s-saċerdot għandu jara li jkun fi stat tajjeb.

47 Ara *ibid.*, par. 1532.

48 Ara *ibid.*, par. 1523.

49 Ara *Sacrosanctum Concilium*, 27.

50 Ara *ibid.*, 73; *Kodiċi tal-Liġi Kanonika*, kan. 1004.

51 *Ordni għas-Sagrament tal-Morda*, 11.

52 Ara *ibid.*, 8

53 Ara *ibid.*, 10.

## Il-vjatku u s-sens nisrani tal-mewt

50

Is-sagrament tal-moribond hu l-vjatku. It-tqarbina bil-Ġisem u bid-Demm ta' Kristu għandha tifsira tassew partikulari. Skond il-kliem tal-Mulej: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum" (Ġw 6,54). Barra minn hekk, is-saċerdot u/jew membri oħra tal-komunità parrokkjali, flimkien mal-familja, għandhom jakkumpanjaw bit-talb ta' rakkomandazzjoni lill-moribond fil-mogħdija tiegħu minn din il-ħajja għal għand il-Missier.

Is-sens nisrani tal-mewt juri ruħu fid-dawl tal-Misteru tal-Għid tal-mewt u l-qawmien ta' Kristu għall-ħajja. Fih hi t-tama kollha tagħna.

## Iċ-ċelebrazzjoni tal-funerali

51

Ir-rit tal-funerali għandu tliet suriet ta' ċelebrazzjoni li jaqblu mat-tliet postijiet fejn isiru (id-dar, il-knisja u ċ-ċimiterju).

Is-saċerdot u/jew membri oħra tal-komunità parrokkjali mħarrġa għal dan il-ministeru, għandhom iżuru l-familjari tal-mejjet. F'din il-laqgħa, il-Knisja, minbarra t-talb b'suffraġju għall-mejjet, toffri wkoll lill-familja fid-dulur solidarjetà umana u l-faraġ tal-fidi. Is-saċerdot u/jew ir-rappreżentanti tal-komunità parrokkjali flimkien mal-familja jistgħu wkoll f'dan il-waqt jippreparaw il-liturġija tal-funeral. F'din il-laqgħa jista' jkun hemm mument għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-funerali fil-knisja jilħqu l-qofol tagħhom biċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, li kemm jista' jkun għandha tkun ugwali għal kulħadd. Il-liturġija tal-Kelma titlob mhux biss għażla attenta tal-qari, iżda wkoll preparazzjoni mis-saċerdot li jagħmel l-omelija biex dawk preżenti

jaraw il-misteru tal-mewt fid-dawl ta' Kristu Rxoxt. L-omelija ma tridx tkun eloġju funebri.[54]

Waqt il-Liturġija ta' l-Ewkaristija l-Knisja toffri lill-Missier, fl-Ispirtu s-Santu, is-sagrifiċċju tal-mewt u l-qawmien għall-ħajja ta' Ġesù. F'dan il-mument titlob ukoll li l-mejjet jitnaddaf mid-dnub u l-effetti kollha tiegħu u jidħol għall-mejda tal-Għid fis-Saltna tas-sema.[55]

Ir-rit fiċ-ċimiterju hu l-aħħar tislima li bih il-komunità ssellem lil wieħed jew waħda mill-membri tagħha. Il-fidi u t-talb tal-Knisja jgħinu lil dawk miġbura jifhmu li, minkejja l-firda, ninsabu lkoll magħqudin flimkien għaliex ilkoll mexjin mill-istess triq u għad niltaqgħu lkoll fid-dar tal-Missier.

## Sagramentali

52

Il-Knisja waqqfet is-sagramentali, li huma "sinjali mqaddsa li, b'ċertu xebh mas-sagramenti, ifissru u, bil-qawwa tat-talb tal-Knisja, jaqilgħu effetti fuq kollox spiritwali. Bihom il-bnedmin jiddisponu rwieħhom biex jaqilgħu l-effett ewlieni tas-sagramenti; bihom jitqaddsu ċ-ċirkustanzi differenti tal-ħajja".[56]

Fost is-sagramentali hemm il-barkiet tal-persuni, tal-mejda, tal-postijiet, eċċ. Kull barka hi tifħir ta' Alla u talba għad-doni tiegħu. Fi Kristu, l-insara huma mberkin mill-Missier "b'kull xorta ta' barka spiritwali" (Ef 1,3). Hu għalhekk li l-Knisja tagħti l-barka tagħha, hija u ssejjaħ l-isem ta' Ġesù u trodd is-salib.

Peress li ħafna minn dawn il-barkiet jistgħu jingħataw mil-lajċi, jixraq li l-insara jiġu mgħallma dwar l-effetti spiritwali tagħhom u li jkollhom ġabra tagħhom fi ktejjeb sabiex ikunu jistgħu jiċċelebrawhom.

[54] Ara *Ordni għall-Funerali* (1971), 41.

[55] Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* par.1689.

[56] *Sacrosanctum Concilium*, 60.



# Kap IV

# DEVOZZJONIJIET POPOLARI

## Is-sens reliġjuż tal-poplu

53

Minbarra l-liturġija tas-sagramenti u s-sagramentali, irridu nqisu wkoll id-devozzjonijiet popolari li jinsabu fost l-insara Maltin. Is-sens reliġjuż tal-poplu Malti, f'kull żmien, ġie mfisser minn ħafna devozzjonijiet popolari bħalma huma l-venerazzjoni tar-relikwi, iż-żjajjar lis-santwarji, il-pellegrinaġġi, il-purċissjonijiet, il-via sagra, ir-rużarju, il-kurunelli, in-noveni u l-bqija. Dawn żdiedu mal-ħajja sagramentali tal-Knisja.

Jista' jinħass li f'xi ambjenti d-devozzjonijiet popolari tingħatalhom importanza aktar mil-liturġija tal-Knisja. F'każijiet bħal dawn, irid isir eżami ta' l-azzjoni pastorali. Jista' jkun li l-liturġija, f'dawn il-każi, ma baqgħetx il-quċċata li lejha tersaq il-ħidma tal-Knisja kif ukoll l-għajn li minnha ġejja kull qawwa tagħha, imma saret espressjoni ta' kult li l-poplu ma jifhimhiex għax ma taqbilx mal-kultura tiegħu, bil-konsegwenza li issir azzjoni sekondarja jew saħansitra titwarrab u titħalla barra.

## Ħtieġa ta' formazzjoni

54

Għaldaqstant, biex tinħall il-problema ta' żbilanċ jew tensjoni bejn il-liturġija u d-devozzjonijiet popolari, għandha tingħata formazzjoni tajba lill-kleru u lil-lajċi. Il-formazzjoni liturġika hija meħtieġa, u mal-bidla taż-żminijiet trid titqawwa u tibqa' ssir b'metodi dejjem ġodda. Flimkien magħha, jeħtieġ li dejjem tibqa' tingħata forma ġdida lid-devozzjonijiet popolari biex ikunu ta' ġid spiritwali għall-istess liturġija.

Kull xorta ta' pjetà nisranija, qadima u ġdida, tiswa skond kemm jidher l-ispirtu bibliku, għax ma jistax ikun hemm talba nisranija jekk b'mod dirett jew indirett ma tkunx imnebbħa mill-Iskrittura. Irid jidher ukoll l-ispirtu liturġiku, għax id-devozzjonijiet għandhom ifakkruna u jħejjuna

għall-misteri ċċelebrati fl-azzjonijiet liturġiċi. Irid jidher ukoll l-ispirtu antropoloġiku, li permezz tiegħu jibqgħu aċċettati s-simboli u l-espressjonijiet tradizzjonali tal-poplu waqt li jitwarrbu drawwiet antiki bla sens u jinstab mod biex l-eżerċizzji ta' devozzjoni jsiru skond kif il-poplu ta' llum iħoss li għandu jfisser is-sentimenti reliġjużi tiegħu. Dan kollu għandu jsir f'għaqda ma' dak li tixtieq u li tgħallem il-Knisja.



# Kap V

# KONKLUŻJONI

## Liturġija magħquda mal-ħajja

55

Is-Sinodu jsejjaħ lill-Knisja kollha f'Malta biex iġġib 'il quddiem il-mentalità u l-ħidma proposta f'dan id-dokument, bħala parti mill-evanġelizzazzjoni l-ġdida. Is-Segretarjat għal-Liturġija għandu jagħti attenzjoni partikulari lit-tisħiħ ta' din il-mentalità u l-ħidma.

Il-liturġija ma tħaddanx il-ħidma kollha tal-Knisja,[57] imma l-ħidmiet kollha fil-komunità jwasslu għaliha jew joħorġu minnha. Għalhekk ngħidu li l-liturġija hi l-quċċata li lejha timxi l-ħidma tal-Knisja u l-għajn li minnha toħroġ kull qawwa tagħha.[58]

Minn din l-għajn bnina, l-aktar mill-quddiesa u s-sagramenti l-oħra, xorbu tul is-sekli l-insara Maltin. Dan id-dokument jipprova jgħin lill-insara ta' llum biex jibqgħu jersqu jixorbu mill-ilma tal-grazzja li joħroġ mill-kustat ta' Kristu msallab, filwaqt li jagħrfu aktar dak li qed jagħmlu biex it-tisħib tagħhom "ma' dak li hu ta' Alla" iħalli frott,[59] u jfittxu li l-liturġija tkun magħquda b'mod sħiħ mal-għajxien tal-fidi fil-ħajja ta' kuljum.

57 Ara *Sacrosanctum Concilium*, 9.

58 Ara *ibid.*, 10.

59 Ara *ibid.*, 11.

*Pubblikazzjoni ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, 2003*

*ISBN: 99932 - 49 - 16 - 5*